MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 941/2006

**Doris D'Amato**

**vs**

**Frances Camilleri, Sammy Camilleri**
**u Sharon Camilleri u Mary Falzon**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tal-attrici li talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti ihallsuha s-somma ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200), illum ekwivalenti ghal elfejn, seba' mija u hamsa u disghin ewro u hamsa u ghoxrin centezmi (€2,795.25), dovuti bhala hlas ta' danni sofferti minnha meta, nhar it-8 ta' Gunju, 2003 f'Hal Qormi, attakawha u ikkagunawlha danni fl-ammont imsemmi. Il-konvenuti gew mitluba ihallsu wkoll l-ispejjes ta' din l-istanza, kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' April, 2005 u l-imghaxijiet legali minn dik id-data.

Ra r-risposta tal-konvenuti li ecceppew illi preliminarjament, it-talba kif dedotta mill-attrici fil-konfront tal-konvenuti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ma jezistu l-ebda danni li l-konvenuti ghandhom jaghmlu tajjeb.

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalsiasi pretensjonijiet tal-attrici naxxenti mill-allegat incident tat-8 ta' Gunju, 2003, diga' gew gudizzjarjament determinati minn dan t-Tribunal u ghalhekk din l-istanza hija irrita u nulla.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

It-Tribunal ra n-nota ta' riduzzjoni ta' l-attrici li biha rriduciet it-talba ghal tmien mija u erbgha u hamsin lira Maltin (Lm854), illum ekwivalenti ghal elf, disa' mija u disgha u tmenin ewro u tmienja u ghoxrin centezzmi (€1,989.28), u dan stante illi n-*no claims bonus* thallsu mill-assikurazzjoni, kif ukoll mill-assikurazzjoni tal-kiri tal-karozza.

Ra x-xhieda tal-attrici Doris D'Amato, li kienet il-habiba ta' Anthony Camilleri, missier il-konvenuti Sammy Camilleri u l-ex ragel tal-konvenuta Frances Camilleri. Gara li kien miet it-tifel ta' Camilleri xi sentejn qabel u kien ser ikun hemm funeral. Kien cempel il-konvenut Sammy Camilleri sabiex javzah, u kien qallhom sabiex jiltaqghu hdejn il-kommisjonant, u dan kien fit-8 ta' Gunju, 2003.

Meta waslu fil-vicinanzi ta' dan il-kommissjonant kienu marru jigru lejn il-vettura taghha, inkluza l-ex mara ta' Anthony Camilleri, li bdiet isabbat fuq il-vettura. Il-konvenut Sammy Camilleri kien beda jipprova jaghtiha b'hadida, minkejja li missieru kien ipprova jwaqqfu.

Sammy Camilleri kien kisser il-*windscreen* tal-karozza u ommu kienet kompliet taghti fuq il-vettura, bil-konsegwenza li kienet ikkagunat hafna hsara fiha.

Kienu wkoll qacctu gizirana li kien liebes Anthony Camilleri, gizirana tad-deheb b'salib u *lucky charm* li kienet tappartjeni lilha.

Kienu wkoll kissrulha n-nuccali tax-xemx, kif ukoll kien hemm brazzuletta li kienet liebsa u din kienet intilfet.

Meta irnexxielha tohrog mill-karozza kienet marret ma' Anthony Camilleri l-ghassa tal-pulizija u f'dak il-hin intebhet li l-konvenuta Francis Camilleri kienet qed tisirqilha l-*handbag* taghha li kien fih *telecell*, *envelope* li kellu mija u sittin lira Maltin (Lm160), ekwivalenti ghal tlett mija u tnejn u sebghin ewro u sebghin centezmu (€372.70) kontanti, li bihom kienet ser thallas lill-kommissjonant ghall-funeral u li ghalihom ma setghetx tipprezenta rcevuta. Kien hemm ukoll nuccali tal-vista.

Il-valur ta' dawn l-oggetti kollha kien jammonta ghal tmien mija u sebgha u hamsin lira Maltin hamsa u erbghin centezmu (Lm857.45), illum ekwivalenti ghal elf, disa' mija u sebgha u disghin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€1,997.53).

Tikkonferma li dakinhar stess kienet marret taghmel rapport ghand il-pulizija u mhux gimgha wara. Gimgha wara kien mar jaghmel l-istqarrja Anthony Camilleri. Meta marret kien hemm l-Ispettur Galea Scannura. L-ghada kienet nizlet sabiex tghaddilhom l-ircevuti tal-gojellerija li kienet naqset.

Gara li sa gimgha wara, il-pulizija ma kienitx infurmat lill-Ispettur bir-rapport li kienet ghamlet u ma kienux resqu lill-konvenuti fuq serq.

L-assikurazzjoni kienet biss tkopriha fuq il-hsarat li gew ikkagunati fil-vettura.

Kienet fethet dawn il-proceduri circa tlett (3) snin wara, peress li kien hemm proceduri kriminali u dawn ma kienux ikopru d-danni kollha li kienet soffriet.

Ra x-xhieda ta' l-Ispettur Christopher Galea Scanura, li jikkonferma li kien sar rapport fit-8 ta' Gunju, 2000 minn certu Carmel Mifsud, u dan gie segwit b'rapport iehor li sar mill-attrici u Anthony Camilleri, u dan kien jirrigwarda

incident bejn l-attrici, Anthony Camilleri, u l-konvenuti. L-incident kien sehh fit-22 ta’ Ottubru, 2003 u dan kien jikkonsisti f’glied li kkawza feriti ta’ natura hafifa u kien hemm xi serq ta’ *envelope* li kellu xi flus go fih, *mobile*, kif ukoll brazzuletta tad-deheb u gizirana.

Jikkonferma li bhala rcevuti kellu dawk li kienu jirrigwardaw danni fuq il-vettura u fuq nuccali.

L-Ispettur jikkonferma li kien l-ewwel sar rapport fuq id-danni fuq il-vettura u fuq dan kienu ittiehdu proceduri kirminali. Dwar ir-rapport fuq is-serq jikkonferma li dan zdied wara, u peress li kien gie avzat wara gimgha u dan kien tard wisq sabiex jistabilixxi li kien hemm provi bizzejjed li kien hemm serq.

Jikkonferma li kien biss ra l-ircevuti ta’ nuccali, u li ma kienx ra ricevuti tal-gojellerija, izda kien hemm ricevuti ohra, bhal certifikat mediku tal-griehi li soffriet l-attrici u l-hsarat fuq il-vettura.

Jikkonferma wkoll li kien hemm proceduri kriminali li kienu fil-frattemp gew decizi f’April, 2008 mill-Magistrat Antonio Mizzi, li kien sab lill-konvenuti hatja u nghataw tlett (3) snin *probation*.

Ra x-xhieda tal-konvenuta Francis Camilleri, li tispjega illi dakinhar tal-incident kienu marru ghall-funeral ta’ binha li kien miet f’disgrazzja. Il-konvenut Sammy Camilleri, kif ukoll l-ex-ragel taghha kienu ftehmu li t-tifel mejjet kellu jindifen fl-istess qabar ta’ missieru.

Kienet saret taf li l-attrici kienet ghamlet xi arrangamenti sabiex it-tifel mejjet jinqala’ mit-tebut, meta hi ma kellha x’taqsam xejn. Kien ghalhekk li l-konvenut Sammy Camilleri, kif ukoll Carmelo Mifsud, kienu kellmu lir-ragel taghha sabiex ikellem lill-attrici biex ma tidholx u tiddeffes fi kwistjonijiet taghhom.

Tghid li l-attrici kienet ilha ma’ zewgha ghal tmienja u ghoxrin (28) sena, u kienet kissritilha l-familja.

Tikkonferma li kien hemm incident ta’ karozza, u li kienu hallsu ghall-hsarat.

Ix-xhud tikkonferma li kien hemm sentenza moghtija mil-Magistrat Mizzi, kif ukoll sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

Tghid li ma taqbilx li l-attrici kienet qabdet mar-ragel taghha xi zmien wara li ssepara, ghaliex kienet dejjem mieghu, anke waqt iz-zwieg.

Dwar il-hlas tal-funeral kien hemm ftehim bejn l-ex-ragel taghha u t-tifel, sabiex dawn l-ispejjes jinqassmu, izda mbaghad ma kienux hallsu sehemhom ghaliex ma kienux jafu li kien ser isir il-funeral dak il-hin. Il-funeral kellu jsir l-ghada u kienu ftehmu li l-familjari biss jkellhom jattendu ghal dan il-funeral.

Dakinhar tal-incident l-attrici ma rieditx li t-tifel jitkellem ma’ missieru u kien kellimha l-kommissjonat biex thallihom bil-kwiet.

Ighid li l-attrici kienet ippruvat tghaddi minn fuqhom bil-karozza u kienu ghalhekk laqtulha l-*windscreen*.

Ra x-xhieda ta’ Samuel Camilleri u jispjega li hu bin il-konvenuta Francis Camilleri. Ighid li dak iz-zmien ma setghux ihallsu sabiex il-mejjet jindifen fil-qabar taghhom u kien indifen fil-qabar tal-Gvern, izda mbaghad missieru u ommu, li kienu eventwalment isseparaw, kienu ftehmu li ghandu jindifen gol-qabar ta’ missieru.

Kien hu li kien ha hsieb sabiex jaghmel l-arrangjamenti ghal dan il-funeral u kien qed jinforma kemm lill-ommu kif ukoll lill-missieru, peress li dawn ma kienux jitkellmu. Kien accetta li missieru jattendi ghal dan il-funeral bil-kundizzjoni li ma tkunx prezenti l-attrici, il-*partner* ta’ missieru, u dan ghaliex kienet kwistjoni familjari u ma kellhiex x’taqsam u *di piu’* kienet qalghet hafna inkwiet fil-familja.

Dakinhar tal-funeral, missieru baqa’ jinsisti li l-attrici ghandu tkun prezenti u l-istess attrici kienet qed tinsisti mieghu li tkun prezenti.

Jichad li kienu kkagunaw hsarat li qed tallega l-attrici. Jichad li kissrulha l-karozza u xi oggetti.

Jichad li kien seraq xi oggetti tal-attrici.

Jichad li kien habat ghall-attrici, pero’ jametti li kienet habtet ghal haddiehor.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

Il-konvenuti ecceppew illi l-mertu ta’ dina l-kawza diga’ gie ezawrit permezz ta’ sentenza moghtija minn dan it-Tribunal, diversament presedut, deciza fit-28 ta’ Gunju, 2006. Madanakolu, minn ezami akkurat ta’ dik is-sentenza, jidher car li l-mertu ta’ dik il-kawza kien jirrigwarda hsarat ikkagunati fuq il-vettura tal-attrici. F’din il-kawza, il-mertu jirrigwarda hsarat fuq xi oggetti personali tal-attrici u Anthony Camilleri, missier il-konvenuti Sammy u Sharon Camilleri u *partner* ta’ l-istess attrici.

Minkejja li l-konvenuti kollha jichdu li kien hemm incident bejniethom fit-8 ta’ Gunju, 2003, dan it-Tribunal m’huwiex konvint fuq il-verita’ tax-xhieda tal-konvenuti Sammy Camilleri u Frances Camilleri, u dan ghaliex anke mic-certifikati medici li gew esebiti jirrizulta li fl-istess gurnata kien hemm diversi griehi ta’ natura hafifa li soffriet l-attrici.

Huwa minnu li c-certifikati *per se* ma jikkostitwux l-aqwa prova ghaliex huma bbazati fuq allegazzjoni tal-attrici, izda tenut kont ta’ dan u li l-istess certifikati nhargu fl-istess zmien ta’ l-incident, it-Tribunal huwa aktar konvint mill-veracita’ tal-attrici u mhux propens jemmen lill-konvenuti li qatt ma gara xejn bejniethom, aktar u aktar meta kienu decizi li bl-ebda mod ma riedu lill-attrici prezenti dakinhar tat-trasferiment tal-qabar.

Jibqa' ghalhekk sabiex dan it-Tribunal jikkunsidra jekk verament il-konvenuti kienux ikkagunaw il-hsarat li tallega l-attrici.

L-attrici tghid li kienu kissrulha n-nuccali. Tghid li rrizultawlha nieqsa wkoll xi oggetti tad-deheb.

L-Ispettur Galea Scanura jghid li kien ra biss rcevuti tan-nuccali, rcevuti dwar il-hsarat fuq il-vettura tal-attrici, kif ukoll certifikati medici.

Mir-rapport tal-Pulizija jidher li kien sar rapport dwar dawn l-oggetti li rrizultaw nieqsa, precisament gizirana u salib tad-deheb, *mobile* tat-tip Nokia u zewg pari nuccalijiet.

L-attrici kienet giet mitluba tesebixxi diversi stimi tal-hsarat, u fil-fatt esebiet diversi dokumenti li jaghtu stima tad-dehebijiet li allegatament irrizultaw nieqsa. Ipprezentat ukoll ricevuta ta' meta gie akkwistat il-*mobile*.

Id-dokumenti wahedhom m'humiex prova bizzejjed sabiex jigi stabbilit li kien hemm danni kkagunati lill-attrici mill-konvenuti, fis-sens li rrizultaw nieqsa certi oggetti personali appartenenti lill-attrici u missier il-konvenut Sammy u Sharon Camilleri.

Madanakollu, minn ezami akkurat tac-certifikati medici, jidher li kien hemm tbengil mal-ghonq ta' l-attrici, f'spallitha kif ukoll hdejn sidirha u dan iwassal sabiex it-Tribunal jemmen li kien hemm glied bl-idejn u attakk fuq il-persuna ta' l-attrici, li seta', waqt l-istess argumenti, iwassal ghan-nuqqasijiet ta' xi oggetti personali tad-deheb, proprjeta' ta' l-attrici.

Jista' jaghti l-kaz li dawn inqatghu u ntilfu waqt l-istess argument, izda jibqa' l-fatt li anke jekk dan sehh, sehh unikament minhabba li l-konvenuti aggredew lill-attrici u ghalhekk fil-fehma ta' dan it-Tribunal, huma responsabbli ghal telf ta' dawn l-oggetti. Dan qed jigi deciz fuq bazi ta' probabilita' konsiderevoli.

Mir-ricevuti jew stimi li esebiet l-attrici, jistghu jigu kkonfermati biss is-segwenti oggetti u valuri:-
(a) salib tad-deheb – tlieta u erbghin liri Maltin (Lm 43), ekwivalenti ghal mitt ewro u sittax-il centezmi (€100.16) ;
(b) brazzuletta – sebgha u tmenin liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmi (Lm87.25), ekwivalenti ghal mitejn u tlett ewro u erbgha u ghoxrin centezmi (€203.24) ;
(c) gizirana –mija u tmenin liri Maltin ( Lm180), ekwivalenti ghal erba' mija u dsatax-il ewro u disgha u ghoxrin centezmi (€419.29).

Dwar il-*mobile* u l-flus, minkejja li ma gewxipprezentati provi dokumentali, hlief ghall-ircevuta ta' meta probabilment akkwistat l-istess telefon cellulari. Madanakollu, dan it-Tribunal qed jemmen aktar l-verzjoni ta' l-attrici bhala dik l-aktar verosimili u ghalhekk ghandu jiehu in konsiderazzjoni, dawn il-valuri wkoll.

L-istess ghandu jinghad ghal *handbag* li tieghu qed tinsisti l-hlas l-attrici, ghax allegatament irrizulta nieqes. Jekk irrizulta nieqes kien konsegwenza ta' l-incident li kien hemm bejn il-partijiet. Dwar valur, dan tghid kien rigal u ghalhekk ma kienx possibbli ghaliha li tesebixxi rcevuta u tenut kont ta' dan jakkorda valur ta' hamsa u ghorin ewro (€25).

Li gie kkonfermat pero', huwa li waqt l-incident kien hemm vettura ta' terza persuna Assuero Degiorgio, li soffriet danni u l-attrici kienet hallsitu sittin lira Maltin (Lm60), u cioe' ekwivalenti ghal mija u disgha u tletin ewro u sitta u sebghin centezmi (€139.76), u dan meta l-istess konvenut fetah il-bieba tal-vettura taghha ghal fuq dik ta' Degiorgio, bil-konsegwenti hsarat.

Ghal darb'ohra, l-istes hsarat kienu kkagunati mill-konvenuti li ggieldu mal-attrici u aggredewha u ghalhekk ghandhom ikunu responsabbli u jirrispondu ghal istess hsarat.

It-total dovut ghalhekk huwa ta' tmien mija u erbghin liri Maltin u hamsa u sittin centezmi (Lm840.65), ekwivalenti

ghal elf, disa' mija u tmienja u hamsin ewro u dsatax-il centezmu (€1,958.19), imqassam kif gej :

(a) salib tad-deheb – tlieta u erbghin liri Maltin (Lm43), ekwivalenti ghal mitt ewro u sittax-il centezmu (€100.16) ;
(b) brazzuletta – sebgha u tmenin liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmi (Lm87.25), ekwivalenti ghal mitejn u tlett ewro u erbgha u ghoxrin centezmi (€203.24) ;
(c) gizirana – mija u tmenin liri Maltin (Lm180), ekwivalenti ghal erba' mija u dsatax-il ewro u disgha u ghoxrin centezmi (€419.29) ;
(d) nuccali tax-xemx- mija u hames liri Maltin u erbghin centezmi (Lm105.40), ekwivalenti ghal mitejn u hamsa u erbghin ewro u tnejn u hamsin centezmi (€245.52) ;
(e) nuccali tal-vista- tnejn u sittin liri Maltin (Lm62), ekwivalenti ghal mija u erbgha u erbghin ewro u tnejn u erbghin centezmi (€144.42) ;
(f) repair of lenses – tlettax-il lira Maltin (Lm13), ekwivalenti ghal tletin ewro u tmienja u ghoxrin centezmi (€30.28) ;
(g) Nokia – mija u hames liri Maltin (Lm105), ekwivalenti ghal mitejn u erbgha u erbghin ewro u tmienja u hamsin centezmi (€244.58) ;
(h) Flus kontanti – mija u sittin liri Maltin (Lm160), ekwivalenti ghal tlett mija u tnejn u sebghin ewro u sebghin centezmu (€372.70) ;
(i) Handbag – ghaxar liri Maltin u tnejn u sebghin centezmi (Lm10.72), ekwivalenti ghal erbgha u ghoxrin ewro u sebgha u disghin centezmi (€24.97) ;
(j) hsara lill Assuero Degiorgio – sittin lira Maltin (Lm60), ekwivalenti ghal mija u disgha u tletin ewro u sitta u sebghin centezmi (€139.76).

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tal-attrici, limitatament fl-ammont ta' tmien mija u erbghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm840.65), u cioe' ekwivalenti ghal elf, disa' mija u tmienja u hamsin ewro u dsatax-il centezmi (€1,958.19), bl-imghax kif mitlub. Fic-cirkostanzi it-Tribunal ihoss li l-ispejjes kollha tal-kawza ghandom jigu sopportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------